Rettifika tar-Regolament (UE) Nru 1310/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet transitorji dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2014 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2014

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 347 tal-20 ta' Diċembru 2013)

F'paġna 877, l-Anness I, it-tabella ta' korrelazzjoni, il-kolonna li tikkonċerna r-Regolament (KE) Nru 1698/2005,

minflok: "Artikolu 36(v): Pagamenti għat-trattament xieraq tal-annimali",

aqra: "Artikolu 36(a)(v): Pagamenti għat-trattament xieraq tal-annimali";

F'paġna 877, l-Anness I, it-tabella ta' korrelazzjoni, wara l-Artikolu 36(a)(v) ir-ringiela segwenti tiddaħħal għar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u r-Regolament (UE) Nru 1305/2013, rispettivament:

"Artikolu 36(a)(vi): appoġġ għal investimenti mhux produttivi	Artikolu 17(1)(d)";

F'paġna 880, l-Anness II, il-punt (4) li jikkonċerna l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, fit-Tabella 2, ir-ringiela li tikkonċerna l-Kroazja hija mħassra;

F'paġna 882, l-Anness II, il-punt (5) li jikkonċerna l-Anness VIIIc tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-intestatura,

minflok: "Limiti massimi nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 72a(3) u l-Artikolu 125a(3)",

aqra: "Limiti massimi nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 72a(6) u l-Artikolu 125a(5)".